**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 12 ta' Mejju, 2021**

**Talba Nru: 49/2020 PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Vanessa Barbosa**
**(1498989A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-sitta (6) ta' Frar, 2020 illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn u hmistax-il euro u wiehed u ghoxrin centezmi (€2015.21) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40611086, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali.

Illi l-konvenuta giet debitament ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti tat-12 t'April, 2021 u tat-3 ta' Mejju, 2021.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba, inkluzi l-istatement u s-Service Order Forms.

Sema' x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2021 li permezz taghha ikkonfermat bil-gurament tieghu illi s-somma mitluba ghadha kollha dovuta mill-intimata lis-socjeta` attrici a bazi ta' dak indikat fl-istess talba odjerna.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata l-intimata naqset milli tattendi ghas-seduta tat-3 ta' Mejju, 2021 u lanqas ma prezentat ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi l-ammont mitlub jirrizulta ampjament mid-dokumenti ezebiti a sostenn tal-istess talba mal-avviz odjern oltre li jirrizulta wkoll dovut, flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet relattivi, mill-intimat lis-socjeta` attrici skont ix-xhieda moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2021. Fir-rigward tal-imghaxijiet dawn huma dovuti mid-data tal-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja u cioe` mis-26 ta' Frar, 2021 u cioe` meta giet konkluza il-procedura tan-notifika lill-konvenuta tal-kawza odjerna.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' elfejn u hmistax-il euro u wiehed u ghoxrin centezmi (€2015.21) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40611086, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mis-26 ta' Frar, 2021 kontra l-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**